# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 ta' Diċembru 2024**

**Rikors numru 1240/2023 fl-ismijiet:**

**Alois KORNTNER (Passaport Awstrijak numru U4514107) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M)**

**vs.**

**Betfair Casino Limited (C39498)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Betfair Casino Limited**;

Rat ir-risposta tal-Av. Sarah Sultana bħala mandatarja ta' **Alois KORNTNER**;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċeduri;

Semgħet lill-abbli Difensuri tal-partijiet li trattaw ir-rikors.

Fir-risposta tiegħu l-intimat jisħaq li ma jsib ebda oġġezzjoni li sakemm il-proċeduri mibdija bir-rikors numru **1248/2023AB** fl-ismijiet **Betway Casino Limited vs. Alois KORNTNER** jibqgħu pendenti u sakemm ikun hemm l-eżitu finali tagħhom, tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li r-

rikorrent għandu favur tiegħu fis-sens li l-mandat eżekuttiv numru 849/2023 filwaqt li jibqa' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, fil-kontemp ir-rikorrent ma jkunx jista' fil-frattemp jiżbanka kwalsiasi flus li hemm jew li jistgħu jiġu depożitati fil-Qorti in konsegwenza għal dak l-istess mandat ta' sekwestru eżekuttiv filwaqt li l-anqas ma s-soċjeta sekwestrata ma tkun tista wkoll tirtira l-istess flejjes depożitati jew depożitandi minnha biex imbagħad il-futur ta' dawn il-fondi jiġi regolat skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li qieset numru ta' deċiżjonijiet li ingħataw qabel dwar pendenzi simili, din il-Qorti tqis li Betway Casino Limited ippruvat li għamlet il-proċeduri appożiti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi de quo ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, kif ukoll li għandha *probabilis causa litigandi*.

Mill-banda l-oħra stante dak previst fl-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, pendenti dawk il-proċeduri, din il-Qorti taqbel li għandha tagħti l-ordni li kwalunkwe ammont li setgħa ġie depożitat ma jkunx żbankat minn ebda waħda mill-partijiet għajr ħlief jekk u meta dan ikun ordnat fid-deċiżjoni finali fuq ir-rikors **1248/2023AB** imsemmi.

# DECIDE

**Għaldaqstant bis-saħħa tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, il-Qorti filwaqt li tiċħad it-tielet talba tar-rikorrent, tilqa' l-ewwel talba u t-tieni talba tar-rikorrenti fis-sens li fit-termini tar-risposta ta' Dr. Sarah Sultana nomine, tissospendi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 849/2023 b'mod li ebda parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira, tiżbanka jew tiġbed ċedoli jew flejjes depożitati fl-atti tal-mandat tas-sekwestru f'dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 1248/2023AB.**

**Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi immedjatament notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jinnotifika lill-partijiet b'dan id-digriet. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**